MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 306/2007/1

**Charmaine Vella f'isimha proprju u in forza ta' digiret moghti fil- 31 ta' Lulju 2007 f'isem iz-zewg uliedha minuri Louane u Logan ahwa Vella**

**v.**

**Carmelo k/a Charles Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf tal-attrici Charmaine Vella pprezentat fl-24 ta' Lulju 2007;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Charles Vella pprezentata fit-23 ta' Awwissu 2007;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-30 ta' Ottubru 2012 li qeghda tigi riprodotta fl-intier taghha ghall-ahjar intendiment tal-kawza:

"Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta' Lulju 2007, li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: illi l-partijiet huma mizzewgin, u ghandhom zewgt itfal, Louane ta' hmistax-il sena, u Logan ta' hdax-il sena; li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli minhabba "ragunijiet gravi imputabbli lill-intimat, u senjatament minhabba adulterju, mohqrija, theddid u ngurja gravi kemm kontra [l-attrici] kif ukoll kontra t-tifla Louane"; ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din il-Qorti:

"1. Tiddikjara l-firda personali bejn iz-zewg kontendenti Charmaine u Charles konjugi Vella, u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat;

"2. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri Louane u Logan ahwa Vella f' idejn l-esponenti b' dan li l-intimat ikollu access ragonevoli;

"3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri Louane u Logan ahwa Vella;

"4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg kontendenti, tillikwidaha, u taqsamha b' mod li jkunu komminati kontra l-intimat id-disposizzjonijiet ta' l-art. 51 tal-Kap 16.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat imharrek minn issa in subizzjoni.

"Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li, ghalkemm huwa jemmen li z-zwieg huwa salvabbli, f' kaz li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali, il-htija tirrisjedi fuq l-attrici; li l-essenza tal-inkwiet matrimonjali hu rizultat ta' "ingurji gravi u theddid" da parti ta' l-attrici; li l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri ghandha tigi fdata

lilu peress li dawn baqghu jirrisjedu mieghu; li m' ghandux jigi ordnat jissomministra manteniment lill-attrici, stante l-htija taghha, kif ukoll stante li hi kapaci tahdem; li fl-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici ghandha tkun soggetta ghas-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 u 51 tal-Kap.16;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

**“Separazzjoni Personali**

“Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut, fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-htija lill-attrici fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat.

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet huma mizzewgin u minn dan iz-zwieg ghandhom iz-zewgt itfal fuq imsemmija, u li, filwaqt li t-tifla Louane llum hija maggjorenni, it-tifel Logan ghandu circa 16-il sena. Jidher li f' Awwissu 2006 l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet ipprecipta b' mod li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali u bl-ghajnuna tal-Agenzija Appogg marret tghix b' Dar Merkba Bik. Sussegwentement l-attrici kienet regghet marret lura id-dar, izda l-inkwiet kompla, bir-rizultat li f' diversi okkazzjonijiet kienet sabet rifugju, kemm fl-imsemmija dar, kif ukoll fl-Ghabex. Sadanittant il-konvenut kien baqa' jghix fid-dar matrimonjali flimkien maz-zewgt itfal minuri tal-partijiet.

“Eventwalment, fl-udjenza tas-6 ta' Awwissu 2007, il-partijiet qabblu li, filwaqt li l-attrici tmur toqghod fid-dar konjugali numru 5 Block G. Triq il-Lellux, Sta. Lucia, mikrija lill-partijiet minghand il-Gvern, il-konvenut imur

jghix fl-appartament numru 9 Triq Pijunieri, Bugibba, proprjeta' taz-zewg partijiet.

"Ghalhekk fil-prezent l-attrici qeda tghix fid-dar konjugali flimkien mat-tifla Louane, filwaqt li l-konvenut qed jghix band' ohra flimkien mat-tifel minuri Logan

*"Verzjoni Attrici*

"L-attrici tghid li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien ihobb imur jixrob gol-bars, u kien jidher li kien bniedem "furjuz"[1] tant li ghal xi zmien kienet ikkontemplat li thassar l-gherusija.

"Illi wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat, u l-konvenut kien dominanti fuqha u riedha taht il-kontroll tieghu, izjed u izjed tenut kont tal-fatt li hi kienet mara tad-dar, filwaqt li hu kien jahdem u jipprovdi ghal-ghejxien tal-familja. Huwa kien isib kull skuza biex ifettex johrog barra mid-dar, u ta' sikwit kien jirritorna fis-sakra. Tghid: "lanqas kont nirraguna mieghu. Dan kien kollu minhabba x-xorb li kien jixrob u l-hbieb li kellu. Kien jixrob sal-punt li lanqas kien ikun jaf x' qed jaghmel."[2]

"L-attrici tghid li dan il-komportament tal-konvenut kien manifest mill-bidunett taz-zwieg, u biz-zmien s-sitwazzjoni aggravat, tant li okkazzjonalment kienet sfat vittma ta' vjolenza domestika. Kien f' dan il-perijodu li hi kienet tirrikorri ghand l-Agenzija Appogg sabiex issib kenn, u ghal diversi drabi kienet telqet mid-dar biex marret tghix ghal ftit zmien fid-djar fuq imsemmija.

*"Verzjoni Konvenut*

"Il-konvenut jichad li qabel iz-zwieg huwa kien vjolenti mal-attrici jew li kien heddidha.

"Jghid, li waqt iz-zwieg huwa kien jahdem zewg jobs sabiex imantni l-familja, filwaqt li martu kienet mara tad-

[1] Vol.1 – Fol.103
[2] Vol.1 – Fol.104

dar u qatt ma hadmet barra mid-dar. Kull weekend huwa kien jiehu lil martu u lit-tfal jieklu barra.

“Huwa jilmenta li martu ma tantx kienet tnaddaf, u dejjem issajjar l-istess ikel. Kien “dejjem mohha fil-hrug”; u s-sitwazzjoni aggravat meta kienu xtraw il-flat ta’ Bugibba fejn l-attrici ghamlet hbieb ma’ xi nisa li kienu separati; u dan il-fatt kien jaghti fastidju lill-konvenut, bir-rizultat li kienu jinqalghu ncidenti bejn il-partijiet. Huwa jsemmi l-okkazzjoni meta kien irrabja peress li kien ra lil martu go kazin fi grupp ta’ nisa u rgiel, u nqala’ ncident, tant li gew involuti l-pulizija.

“Il-konvenut jghid, u f’ dan ma giex kontrastat, lanqas almenu fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha li, wara s-separazzjoni de facto, martu qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor; u di piu’ f’ Novembru 2010 kienet marret tqatta’ xi zmien l-Awstralja waheda.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi l-verzjoni tal-attrici dwar l-imgieba vjolenti da parti ta’ zewgha ssib konfort kemm fix-xhieda[3] ta’ Pauline Mercieca addetta ma’ l-Agenzija Appogg, kif ukoll fic-certifikati medici[4] ezebiti. Inoltre, il-fedina penali[5] tieghu, hija prova cara tad-dispozizzjoni aggressiva u raffrettarja tieghu; u din il-Qorti hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni attrici fir-rigward. Jirrizulta li l-konvenut, li jabbuza mill-alkohol, huwa persuna dominanti fuq martu, u anke aggressiv, u hija tal-fehema li dan il-komportament abbuziv tieghu kien il-kawza principali tat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, tenut kont li rizultat ta’ dan il-komportament l-attrici spiccat vittma ta’ vjolenza morali u fizika, li ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini tal-artikolu 40 tal-imsemmi kap.

“Minn naha l-ohra pero’, jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici kienet, almenu lejn l-ahhar tal-konvivenza, tohrog waheda regolarment ma’ hbieb taghha; u wara, s-

[3] Fol.213
[4] Vol.1 – Fols.116-117
[5] Vol.1 - Fol.217

separazzjoni de facto, jidher li dahhlet f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor. Probabbilment dan l-komportament taghha kien konsegwenzjali ghall-komportament abbuziv ta' zewgha fil-konfront taghha; izda din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dan il-komportament ikkontribwixxa ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg. Inoltre, il-fatt li fir-rikors guramentat l-attrici akkuza lill-kovenut b' adulterju, meta ma gabet ebda prova in sostenn ta' l-istess, huwa fih innifsu ngurjuz fit-termini ta' l-artikolu precitat.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, principalment tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u sekondajrament tort ta' l-attrici fit-termini ta' l-artikolu 38 u 40 tal-istess Kap. Dan il-komportament ghandu jattira fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16.

**“Kura u Kustodja**

“Illi llum dan il-kap huwa relevanti biss fir-rigward tal-minuri Logan li ghandu circa 16-il sena, u li ghadu jghix mal-konvenut. Fic-cirkostanzi l-Qorti, tenut kont tal-interessi tal-minuri, qed tafda l-kura u kustodja ta' dan il-minuri lill-istess konvenut, bl-access favur l-attrici konkordat mal-istess minuri.

**“Manteniment**

“Illi tenut kont li l-attrici ghandha relazzjoni extra-matrimonjali, hi ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha, u dan ai termini tal-artikolu 48 [d] tal-Kap.16, u ghalhekk il-konvenut mhux tenut li jghaddi manteniment lill-attrici ghaliha. Inoltre, jigi osservat li mill-provi jirrizulta li l-attrici hija kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu, kif fil-fatt qeda taghmel.

**“Komunjoni tal-Akkwisti**

“Illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti assi:

“[1] l-inkwilinat tal-fond konjugali numru 5 Block G, Triq il-Lellux f’ Santa Lucia, mikri lill-partijiet minghand il-Gvern;

“[2] l-appartament numru 9 Triq il-Pijunieri, Bugibba, li dwaru ma tressqet ebda stima;

“[3] il-mobbli fiz-zewg fondi, li dwarhom ma tressqux provi ghajr ghall-elenku tal-oggetti li kienu jinsabu fil-fond konjugali fl-14 ta’ Settembru 2007[6];

“[4] kontijiet bankarji;

“[5] safety deposit box – LM15,000 [illum €34,941]

“[6] zewg vetturi: Suzuki SHE 127, u Tata Safari CTH 003;

“Illi fin-nota guramentata[7] tieghu l-konvenut jallega li hemm dejn ta’ hamest-elef lira maltin dovut lil Peter Muscat. Il-Qorti tosserva li ma ngabet ebda prova fir-rigward, u ghalhekk din l-allegazzjoni mhix sostnuta minn provi adegwati, u qed tigi skartata.

“Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid li fis-safety deposit box mal-Bank of Valleta kien hemm flus kontanti fl-ammont ta’ LM15,000 [illum €34,941] u li dawn ingibdu mill-konvenut.

“Fir-rigward, ir-rapprezentant tal-Bank, filwaqt li kkonferma li hemm safety deposit box f’ isem iz-zewg partijiet, esebixxa lista[8] li turi kemm-il darba nfethet din il-kaxxa, u minn min. Jirrizulta li mill-24 ta’ Gunju 2005 sal-4 ta’ Gunju 2007, l-attrici kienet fethet din il-kaxxa tlett darbiet, filwaqt li l-konvenut fetahha erba’ darbiet, u kien l-ahhar persuna li fetah il-kaxxa. Minn naha tieghu l-konvenut ma cahadx din l-allegazzjoni, u tenut kont li waqt il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien jahdem hafna, u li l-ammonti

---

[6] Vol.1 – Fols.133 et seq.
[7] Vol.1 – Fol.23
[8] Vol.1 – Fol.189

tad-depoziti bankarji huma tenwi, il-Qorti qed taccetta din l-allegazzjoni fuq bazi ta' probabilita'. Multo magis fid-dawl tal-fatt li, skond il-lista esebita kien il-konvenut li l-ahhar li fetah l-imsemmija kaxxa: fl-4 ta' Mejju 2006, fit-23 ta' Frar 2007 u fl-4 ta' Gunju 2007.

"Illi l-istess jinghad dwar l-allegazzjoni attrici li l-konvenut ha d-deheb li kellha. Hija ma gabet ebda prova fir-rigward, lanqas f' hiex kien jikkonsisti dan id-deheb; u ghalhekk, tenut kont li l-provi fir-rigward huma skarsi, din l-allegazzjoni qed tigi skartata; izda, fil-kaz li jirrizulta li hemm deheb tal-komunjoni, dan ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*"Assenjazzjoni*

"Il-Qorti tordna li l-assi fuq indikati jigu assenjati lill-partijiet bil-mod segwenti:

"[1] l-inkwilinat tal-fond f' Santa Lucia qed jigi assenjat lill-attrici, stante li ghas-separazzjoni personali jahti principalment il-konvenut;

"[2] il-fond numru 9 Triq il-Pijunieri Bugibba jigi stmat mill-Perit Mario Cassar, li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, sakemm l-istess partijiet, fi zmien xahar millum, ma jaslux ghal valur konkordat ta' dan il-post; u, sussegwentement jinbigh fuq is-suq hieles ghal prezz mhux inferjuri ghall-ammont stmat mill-perit jew miftiehem bejn il-partijiet; izda jekk wara li tiskadi sena millum il-fond ma jkunx ghadu nibigh, allura jinbigh bis-subbasta skond il-ligi. Ir-rikavat mill-bejgh ta' dan il-post jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet;

"[3] l-ghamara li hemm fiz-zewg fondi tigi diviza wgwalment bejn iz-zewg partijiet; izda jekk ma jkunx hemm ftehim fir-rigward, allura din tinbigh bl-istess mod kif indikat fil-paragrafu precedenti, wara li tigi stmata mill-istimatur Vincent Ciliberti a spejjez taz-zewg partijiet, kemm-il darba l-partijiet ma jaslux ghal valur konkordat;

“[4] il-flus li hemm fil-kontijiet bankarji li huma f’ isem it-tfal, jigu moghddija jew jibqghu f’ isem it-tfal, filwaqt li l-kumplament jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

“[5] il-flus li kien hemm fis-safety deposit box fl-ammont ta’ LM15,000 [illum €34,941] jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet;

“[6] il-vettura Suzuki tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici, filwaqt li l-vettura l-ohra tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut.

**“Decide**

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut u dik sekondarja tal-attrici;

“[2] tichad it-tieni talba, u tafda l-kura u kustodja tat-tifel f’ idejn il-konvenut, bid-dritt ta’ access favur l-attrici konkordat mat-tifel;

“[3] tichad it-tielet talba;

“[4] tilqa’ ir-raba’ talba billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, u tordna li dina tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni “Komunjoni tal-Akkwisti”; u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet l-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16

“L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut in kwantu ghal zewg terzi [2/3] u r-rimanenti terz jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza msemmija billi tilqa’ l-aggravji tieghu u ghalhekk filwaqt li tikkonfermaha fejn ippronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet, tiddikjara li t-tort kien tal-attrici u mhux tort

primarjament tieghu; tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet ghall-kura u kustodja tal-minuri u cahdet it-talba ghal manteniment ghall-attrici izda tvarja dik il-parti fejn akkordat l-inkwilinat tal-*flat* lill-attrici u dan billi takkorda l-kura u kustodja tal-minuri lill-appellant jew alternattivament tistma dan l-inkwilinat u huwa jigi akkordat l-ammont hekk likwidat; talab ukoll li l-kumplament tas-sentenza tigi kkonfermata;

Rat illi l-attrici ma pprezentatx risposta ghal dan ir-rikors;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

**AGGRAVJI TAL-ATTRICI**

**L-ewwel aggravju** huwa dwar il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi tattribwixxi t-tort primarju ghat-tifrik taz-zwieg lill-appellant. Huwa jsostni li t-tort kellu jkun attribwit esklussivament ghall-attrici ghaliex hija kkomettiet adulterju.

Huwa minnu li l-Qorti fil-parti mhux dispozittiva tas-sentenza kkonkludiet illi l-attrici kellha relazzjoni extra matrimonjali wara li l-partijet kienu gia` infirdu *de facto*. Madankollu l-Qorti kkonkludiet ukoll kif gia` ssemma li l-attrici ressqet bizzejjed provi biex tikkonvinciha li l-appellant kien responsabbli t'imgieba vjolenti anke kkonfermati b'certifikati medici dwar griehi li sofriet l-attrici; il-Qorti kkummentat ukoll fuq il-fedina penali tieghu li hija prova ta' dispozzijoni aggresiva u raffrettajra tieghu. Ghalhekk il-Qorti tal-Familja kkonkludiet, u din il-Qorti taqbel pjenament maghha li dan il-komportment tieghu kien il-kawza principali ghat-tifrik taz-zwieg u dan l-agir

jikkostitwixxu sevizzi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili.

Finalment ghandu jinghad li f'dan ir-rigward il-Qorti fil-verita` intalbet tvarja s-sentenza billi tiddeciedi li ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-fatti kif maghmula mill-ewwel Qorti. Dwar dan, il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' kazijiet eccezzjoniali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qat ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Ghalhekk fir-rigward ta' dan l-aggravju, appuntu trattandosi ta' apprezzament ta' fatti il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward.

**L-aggravju l-iehor** jirrigwardja l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Dan l-aggravju jikkonsisti f'zewg lanjanzi principali. *L-ewwel* u jidher l-akbar aggravju li jhoss li garrab l-appellant, tenut kont tat-trattazzjoni tal-abbli difensur tieghu huwa li peress li l-attrici appelleta get assenjata l-inkwilinat tal-fond gia` matrimonjali ossija appartament mikri mill-Gvern, il-valur ta' dan l-inkwilinat kien messu gie stmat biex huwa wkoll jippartecipa fih tenut kont tal-fatt li l-fond l-iehor, u cioe` appartament f'Bugibba li kien iservi ta' villeggjatura u llum abitat minnu flimkien ma' uliedu se jigi mibjugh bir-rikavat jinqasam.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Apparti d-diffikulta` biex wiehed jasal ghal stima ta' inkwilinat, huwa car li l-ewwel Qorti ma riditx tiddisturba l-istat ta' fatt li gie mahluq mill-partijiet infushom fil-mori tal-kawza u cioe` li l-

appellant telaq mid-dar matrimonjali bit-tfal (illum it-tifel biss ghadu minorenni) u l-appellata baqghet tghix fil-fond matrimonjali. Dan ghaliex tali caqliq ma jistax ma jkollux effetti negattivi sija fuq il-partijiet u sija fuq it-tfal. Oltre dan, l-argument imressaq mill-appellant huwa bbazat fuq it-talba tieghu biex it-tort ghat-tifrik taz-zwieg jigi attribwit kollu lill-appellata. Dwar dan kif gia` inghad, din il-Qorti ma taqbilx u ghalhekk billi l-attrici tigi assenjata l-inkwilinat u taqsam mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-fond l-iehor, ma tkun qed issir ebda ingustizzja. Ghalhekk il-Qorti tal-Familja ghamlet tajjeb meta iddecidiet b'dan il-mod.

Din il-Qorti pero` thoss li ghal gid tal-minuri, ikun tajjeb li l-perjodu li l-Qorti imponiet ghal bejgh tad-dar ghandu jizdied minn sena ghal tliet snin – appuntu biex il-minuri ma jkollux caqliq kbir fi stadju hekk delikat ta' hajtu u anke biex l-appellant, billi ghandu l-kura tieghu, ikollu aktar nifs u jkollu aktar zmien biex jippjana l-futur ghalihom. Mill-bqija l-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti setghet tiddeciedi mod iehor.

Din il-konkluzjoni tapplika wkoll ghal dak li l-appellant qed jargumenta fir-rigward tal-qsim tal-komunjoni. Huwa qed jilmenta illi:

"Il-Qorti assenjat ukoll nofs l-ghamara li hemm fil-fond bla ma tat xi indikazzjoni tal-konsistenza tal-ghamara u kif ghandha tinqasam. Irid jigi notat li illum 'il gurnata l-appellant m'ghandux access ghad-dar matrimonjali u ilu nieqes ghal zmien konsiderevoli u ghalhekk x'baqa' bhala ghamara mhux maghruf.

"Il-Qorti stqarret ukoll li l-flus li hemm fis-*safety deposit box* fl-ammont ta' €34,941 jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet ugwali pero` fin-nota taghha l-attrici tghid li dawn il-flejjes ma jezistux kif *del resto* anke stqarret il-Qorti aktar 'il fuq fis-sentenza taghha a fol. 7 fit-tielet paragrafu. Ghalhekk jekk dawn il-flejjes ma ghadhomx jezistu ghal darba ohra l-appellant mhu qed jinghata xejn."

Dwar l-ghamara jekk fi kliem l-appellant "x'baqa bhala ghamara mhux maghruf" kien jispetta lilu, li jekk ried illi

jressaq il-provi dwar dan, li jressaqhom. **Min jallega jrid jipprova** jew **– "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui nega*"** kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Kwantu ghas-*safe deposit box* jekk il-flus li kien fih ma ghadhomx jezistu dan ma jfisser xejn hlief li l-partijiet ma jmisshom xejn. Ma jirrizulta minn imkien fl-atti li dawn il-flus hadithom l-appellata.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu **biss u limitatament** billi l-fond numru 9 Triq il-Pijunieri Bugibba ghandu jinbiegh taht l-awtorita` tal-Qorti jekk jiskadi t-terminu ta' tliet snin mil-lum u ma jkunx ghadu nbiegh fis-suq hieles mill-partijiet (it-terminu ta' xahar ghall-istima ghandu jibda ghaddej mil-lum) izda ghall-kumplament **tikkonferma s-sentenza appellata.** L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu wkoll kif decizi mill-ewwel Qorti u dawk tal-appell ukoll jigu imhallsa kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-attrici appellata u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------